## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-4 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 189/00

Michelina Sultana

-vs-

Carmelo maghruf bhala Charles Haber u Josephine Haber

Il-Qorti;

Fic-citazzjoni taghha l-attrici ippremettiet illi:

"hija silfet lill-konvenuti waqt iz-zwieg taghhom flimkien somom ta' flus f'ammont golobali ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000);

illi l-kovnenuti ghalkemm interpellati biex jirrestitwixxu l-imsemmija somma permezz ta' ittra ufficcjali pprezentata fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn baqghu inadempjenti.

Talbet li l-Qorti:

1. tiddikjara li giet mislufa lill-konvenuti mill-attrici l-imsemmija somma ta' sebat elef lira Maltin;

2. tikkundanna lill-kovnenuti biex jirrestitwixxu l-imsemmija somma entro terminu qasir u perentorju li jigi minnha prefiss.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv u bl-inguzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Din ic-citazzjoni kienet akkompanjata bid-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti u l-lista tax-xhieda;

Ikkunsidrat:

Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenuti kif muri mir-riferti relattivi, tergo folio 2, gew it-tnejn notifikati fis-7 ta' Novembru 2000 kemm bic-citazzjoni u kemm bl-avviz ghas-smiegh. Mill-opportun avviz jirrizulta li l-kawza giet appuntata ghall-15 ta' Frar ta' din is-sena. Il-konvenuta Josephine Haber ipprezentat in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha akkompanjanti d-dikjarazzjoni u l-elenku tax-xhieda fl-24 ta' Jannar 2001 palesement barra t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata min-notifika tac-citazzjoni kif sancit mill-Artikolu 159(1) tal-Kap 12.

Fil-jum ta' l-appuntament tal-kawza dehru z-zewg konvenuti, ossija Carmelo Haber u martu Josephine Haber fejn din ta' l-ahhar permezz ta' l-Avukat taghha talbet li tiggustifika l-kontumacja.

L-istess m'ghamilx l-konvenut Carmelo Haber li kwindi gie li accetta l-istat ta' kontumacja tieghu.

Illi f'dik l-istess udjenza din il-Qorti kif preseduta ammettiet lill-imsemmija Josephine Haber tixhed biex tiggustifika l-kontumacja taghha.

Mix-xhieda taghha jemergi li l-konvenuti huma separati minn xulxin, li l-konvenuta ghandha l-kustodja ta' tlett itfal u li n-nuqqas taghha li tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fil-hin stipulat kien minhabba zball genwin. Jigifieri din il-Qorti ma rriavvizat ebda dolo jew almenu culpa gravi fin-nuqqas tal-konvenuta li tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet, fatturi, tad-dolo u l-culpa gravi, li huma a bazi tal-gurisprudenza l-aktar recenti biex Qorti ma tammettix il-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Ghalhekk u ghall-motivi fuq premessi l-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuta ggustifikat il-kontumacja tahgha u tammetti n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha flimkien mad-dikarazzjoni u l-elenku tax-xhieda fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur